



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Settembru 2023
(OR. en)

13280/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0329(NLE)

ENV 1024
COMER 101
MI 772
ONU 62
CONSOM 326
SAN 532

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 542 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt il-ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 542 final.

Mehmuż: COM(2023) 542 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.9.2023
COM(2023) 542 final

2023/0329 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt il-ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, waqt il-ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju ("il-Ftehim")¹ b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjonijiet li jemendaw l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni. Dawn l-annessi jistabbilixxu listi ta' prodotti miżjudin bil-merkurju ("MAPs") u ta' proċessi ta' manifattura li jużaw il-merkurju jew komposti tal-merkurju ("proċessi tal-merkurju"), soġġetti jew għal dati ta' eliminazzjoni gradwali jew għal dispożizzjonijiet li jirregolaw l-użu tal-merkurju².

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju ("il-Ftehim")

Il-Ftehim huwa l-qafas legali internazzjonali ewlieni maħsub biex jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-emissjonijiet antropoġeniċi u mir-rilaxxi tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fl-arja, fl-ilma u fuq l-art. Dan jindirizza ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-merkurju, mill-estrazzjoni minerarja primarja tal-merkurju għar-rimi tal-iskart tal-merkurju.

Daħal fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017.

L-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") hija parti għall-Ftehim³, bħalma huma ħafna mill-Istati Membri tagħha.

Skont il-Ftehim, l-MAPs huma soġġetti għaż-żewġ tipi differenti ta' restrizzjonijiet li ġejjin skont jekk humiex koperti mill-Parti I jew II tal-Anness A tal-Ftehim⁴:

- L-MAPs elenkati fil-Parti I (eż. ċerti lampi fluworexxenti kompatti) ma jistgħux jibqgħu jiġu manifatturati, importati u esportati wara d-dati ta' eliminazzjoni gradwali speċifikati fiha, f'konformità mal-Artikolu 4, il-paragrafu 1.
- L-MAPs elenkati fil-Parti II tal-Anness A huma soġġetti għall-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet speċifiċi dwar l-użu tal-merkurju stabbiliti fih. Bis-saħħa tal-Artikolu 4, il-paragrafu 3, il-Partijiet⁵ għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' daww il-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet. Sal-lum, l-amalgama dentali biss hija elenkata fil-Parti II tal-Anness A.

Bl-istess mod, skont il-Ftehim, il-proċessi tal-merkurju huma soġġetti wkoll għal żewġ tipi differenti ta' restrizzjonijiet skont jekk humiex koperti mill-Parti I jew II tal-Anness B:

¹ Test tal-Konvenzjoni ta' Minamata disponibbli fuq:

<https://mercuryconvention.org/sites/default/files/2021-06/Minamata-Convention-booklet-rus-full.pdf>

² Għall-finijiet ta' dan id-dokument, l-espressjoni "regolamentazzjoni tal-użu tal-merkurju" tkopri, ġenerikament, rekwiżiti bħal daww stabbiliti fil-Partijiet II tal-Annessi A u B tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

⁴ Ir-referenzi għall-Artikoli u għall-Annessi f'dan id-dokument huma referenzi għall-Artikoli u għall-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

⁵ Għall-finijiet ta' dan id-dokument, "Partijiet" tfisser il-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Merkurju.

- Il-proċessi tal-merkurju elenkati fil-Parti I tal-Anness B (eż. il-produzzjoni tal-kloroalkali) iridu jieqfu jużaw il-merkurju jew il-komposti tal-merkurju sad-dati ta' eliminazzjoni gradwali stabbiliti fih, f'konformità mal-Artikolu 5, il-paragrafu 2.
- Il-proċessi tal-merkurju elenkati fil-Parti II tal-Anness B huma soġġetti għar-rekwiżiti tal-użu tal-merkurju (eż. ma jintużax merkurju mill-estrazzjoni minerarja primarja tal-merkurju) stabbiliti fih. F'konformità mal-Artikolu 5, il-paragrafu 3, il-Partijiet għandhom jieħdu miżuri biex jikkonformaw ma' daww il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti, inkluż f'termini ta' konverżjoni għal proċessi mingħajr merkurju meta l-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim ("COP") tikkonkludi dwar id-disponibbiltà ta' alternattivi ekonomikament u teknikament fattibbli.

Skont l-Artikolu 4, il-paragrafu 8, u l-Artikolu 5, il-paragrafu 10, l-Annessi A u B kellhom jiġu rieżaminati sas-16 ta' Awwissu 2022. B'dan, il-COP tqis (i) il-proposti ta' emenda tal-Partijiet magħmula skont l-Artikolu 4, il-paragrafu 7, u l-Artikolu 5, il-paragrafu 9, (ii) l-informazzjoni trażmessa mill-Partijiet dwar l-MAPs u l-proċessi u l-alternattivi tagħhom skont l-Artikolu 4, il-paragrafu 4, u l-Artikolu 5, il-paragrafu 4, u (iii) id-disponibbiltà ta' alternattivi teknikament u ekonomikament fattibbli mingħajr merkurju, filwaqt li jitqiesu r-riskji u l-benefiċċji għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem.

2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet ("COP")

Il-COP twettaq il-funzjonijiet assenjati lilha mill-Ftehim. Għal dak il-għan, hija għandha tikkunsidra u twettaq, *inter alia*, kwalunkwe azzjoni li tista' tkun meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ftehim.

Skont l-Artikolu 28 tal-Ftehim u d-Deċiżjoni MC-1/1 dwar ir-Regoli ta' Proċedura⁶ adottati mill-COP waqt l-ewwel laqgħa tagħha (bejn l-24 u d-29 ta' Settembru 2017)⁷, kull Parti għandha vot wieħed. Madankollu, l-Unjoni, bħala organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali ekonomika, teżerċita d-dritt tagħha li tivvota, dwar materji fil-kompetenza tagħha, b'numru ta' voti ugwali għan-numru tal-Istati Membri tagħha li huma partijiet għall-Ftehim. L-Unjoni ma għandhiex teżerċita d-dritt għall-vot tagħha jekk xi Stat Membru tagħha jeżerċita d-dritt għall-vot tiegħu, u viċe versa.

2.3. L-atti previsti tal-Konferenza tal-Partijiet

Għall-fini tat-tnedija ta' proċess għar-rieżami tal-Annessi A u B, il-COP, waqt it-tielet laqgħa tagħha (bejn il-25 u d-29 ta' Novembru 2019), adottat id-Deċiżjoni MC-3/1⁸ li tistabbilixxi grupp *ad hoc* ta' esperti tekniċi biex jipproċedu bid-diskussjonijiet dwar l-MAPs u l-proċessi

⁶ Deċiżjoni adottata mill-ewwel Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju - MC-1/1: Ir-regoli ta' proċedura, 22 ta' Novembru 2017, <https://mercuryconvention.org/sites/default/files/documents/decision/UNEP-MC-COP1-Dec1-RulesProcedure.EN.pdf>

⁷ L-ewwel laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (COP-2), Ġinevra, l-Iżvizzera, 24 – 29 ta' Settembru 2017, <https://mercuryconvention.org/en/meetings/cop1>

⁸ Id-Deċiżjoni adottata mit-tielet Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju - MC-3/1 *Rieżami tal-Annessi A u B*, UNEP/MC/COP3/Dec. 1, disponibbli fuq: <http://www.mercuryconvention.org/Meetings/COP3/Decisions/tabid/8654/language/en-US/Default.aspx>

tal-merkurju matul il-perjodu intersessjonali qabel ir-raba' laqgħa tagħha ("COP4"). Il-mandat ta' dan il-grupp appella b'mod partikolari għat-titjib u għall-organizzazzjoni tal-informazzjoni ppreżentata mill-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 4, il-paragrafi 4 u 7, u l-Artikolu 5, il-paragrafi 4 u 9. Abbażi tal-eżitu ta' din il-ħidma tal-esperti u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-Partijiet⁹, inklużi s-sottomissjonijiet mill-Unjoni Ewropea¹⁰ qabel il-COP4 (bejn il-21 u l-25 ta' Marzu 2022), il-COP adottat id-Deċiżjoni MC-4/3¹¹.

Il-paragrafu 5 tad-Deċiżjoni MC-4/3

Il-partijiet qablu li jżidu fil-Parti I tal-Anness A erba' MAPs addizzjonali (ara l-kolonna tax-xellug fit-tabella ta' hawn taħt). Madankollu, peress li ma setgħux jilħqu kunsens fil-COP4 dwar id-dati assoċjati ta' eliminazzjoni gradwali, il-Partijiet iddeċidew, kif rifless fil-paragrafu 5 tad-Deċiżjoni MC-4/3, li jiddifferixxu d-diskussjoni f'tali dati waqt il-ħames laqgħa tal-COP ("COP5") abbażi tad-dati proposti fil-parenteżi (ara l-kolonna tal-lemin fit-tabella ta' hawn taħt).

<i>Prodotti miżjudin bil-merkurju</i>	<i>Data li warajha l-manifattura, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-prodott ma għandhomx ikunu permessi (id-data tal-eliminazzjoni gradwali)</i>
Batteriji buttuna tal-ossidu taż-żingu tal-fidda b'kontenut ta' merkurju < 2 % u batteriji buttuna taż-żingu-arja b'kontenut ta' merkurju < 2 %	[2025] [2029]
Il-pontijiet għall-kejl b'akuratezza għolja ħafna tal-kapaċitanza u t-telf u swiċċijiet u rilejs tal-frekwenza tar-radju bi frekwenza għolja għal strumenti ta' monitoraġġ u kontroll b'kontenut massimu ta' merkurju ta' 20 mg għal kull pont, swiċċ jew rilej [ħlief dawk użati għal skopijiet ta' riċerka u żvilupp]	[2025]
Lampi fluworexxenti lineari (LFLs) għal finijiet ta' tidwil ġenerali: (a) Fosforu tal-alofosfat ≤ 40 watt b'kontenut ta' merkurju li ma jaqbix 1-10 mg għal kull lampja (b) Fosforu tal-alofosfat ≥ 40 watt	[2025] [2027] [2030]
Lampi fluworexxenti lineari (LFLs) għal finijiet ta' tidwil ġenerali:	[2027] [2030]

⁹ Proposti mir-Reġjun tal-Afrika, mill-Kanada u min-Norveġja biex jiġu emendati l-Partijiet I u II tal-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, disponibbli fuq: <https://mercuryconvention.org/en/meetings/cop4#cop-documents>

¹⁰ UNEP/MC/COP.4/26/Add1 Il-Proposta mill-Unjoni Ewropea biex jiġu emendati l-Parti I u II tal-Anness A u l-Parti I tal-Anness B tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, disponibbli fuq: <https://mercuryconvention.org/en/documents/proposal-european-union-amend-part-i-annex-part-ii-annex-and-part-i-annex-b-minamata>

¹¹ Id-Deċiżjoni adottata mir-raba' Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju MC-4/3 *Ir-rieżami u l-emendi tal-Annessi A u B*, UNEP/MC/COP4/Dec. 3, disponibbli fuq: https://mercuryconvention.org/sites/default/files/documents/decision/4_Dec3_Amendment.English.pdf

(a) Trifosforika < 60 watt b'kontenut ta' merkurju li ma jaqbix il-5 mg/bozza	
---	--

Il-paragrafu 6 tad-Deċiżjoni MC-4/3

Fir-rigward tal-proċessi tal-merkurju, il-Partijiet iddeċidew ukoll li jikkunsidraw fil-COP5 li jżidu l-produzzjoni tal-poliuretan bl-użu ta' katalizzaturi li fihom il-merkurju mal-Parti I tal-Anness B, bħala proċess li jrid jieqaf f'data partikolari ta' eliminazzjoni gradwali.

Minbarra l-paragrafi 5 u 6 imsemmija hawn fuq tad-Deċiżjoni MC-4/3, fin-negozjar u fl-iżvilupp tal-atti previsti, fil-COP 5 il-Partijiet se jkollhom jikkunsidraw ukoll is-sottomissjoni li saret mir-Reġjun tal-Afrika qabel dik il-laqgħa, f'konformità mal-Artikolu 4, il-paragrafu 7¹². Din is-sottomissjoni tippromponi hawn taħt aktar emendi għall-Partijiet I u II tal-Anness A.

2.4. Sottomissjoni tar-Reġjun tal-Afrika

Emendi proposti għall-Parti I tal-Anness A

Ir-Reġjun tal-Afrika jipproponi li mal-Parti I tal-Anness A jiżdiedu s-sitt kategoriji ta' prodotti li għejjin flimkien ma' dati assoċjati ta' eliminazzjoni gradwali.

<i>Prodotti miżjudin bil-merkurju</i>	<i>Data li warajha l-manifattura, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-prodott ma għandhomx ikunu permessi (id-data tal-eliminazzjoni gradwali)</i>
Prodotti kożmetiċi, inkluż sapun u kremi li jiċċaraw il-ġilda, iżda mhux inklużi prodotti kożmetiċi ta' madwar l-għajn fejn il-merkurju jintuża bħala preżervattiv u ma jkun hemm ebda preżervattiv effettiv u sikur sostitut disponibbli	2025
Amalgama dentali	2030
Lampi fluworexxenti kompatti (CFLs) għal finijiet ta' tidwil ġenerali li huma > 30 watt	2025
Lampi fluworexxenti kompatti b'ballast mhux integrat (CFL.ni) għal finijiet ta' tidwil ġenerali li huma ≤ 30 watt b'kontenut ta' merkurju li ma jaqbix il-5 mg għal kull berner tal-lampa	2025
Lampi fluworexxenti lineari (LFLs) għal finijiet ta' tidwil ġenerali: (b) Trifosforika ≥ 60 watt	2026
Lampi fluworexxenti mhux lineari (NFLs) (eż., U-bend u ċirkolari) għal finijiet ta' tidwil ġenerali: (a) Trifosforika, tal-potenzi kollha f'watts	2026

¹² Proposta mir-Reġjun tal-Afrika biex jiġu emendati l-Partijiet I u II tal-Anness A, disponibbli fuq: <https://mercuryconvention.org/en/meetings/cop5>

Emendi proposti għall-Parti II tal-Anness A

Ir-Reġjun tal-Afrika jipproponi wkoll li mal-Parti II tal-Anness A tiżdied (i) kategorija ta' MAP ġdida waħda, jiġifieri l-prodotti kożmetiċi flimkien ma' restrizzjonijiet kummerċjali u (ii) rekwiżiti addizzjonali dwar l-amalgama dentali.

Prodotti miżjudin bil-merkurju	Dispożizzjonijiet
Prodotti kożmetiċi, inkluż sapun u kremi li jiċċaraw il-ġilda, iżda mhux inklużi prodotti kożmetiċi ta' madwar l-għajn fejn il-merkurju jintuża bħala preżervattiv u ma jkun hemm ebda preżervattiv effettiv u sikur sostitut disponibbli	Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn Parti biex jiġu eliminati gradwalment il-bejgħ u l-offerta tal-bejgħ ta' prodotti kożmetiċi miżjudin bil-merkurju kemm mis-swieq lokali kif ukoll mill-pjattaformi online għandhom jinkludu: i. L-istabbiliment ta' objettivi nazzjonali għall-eliminazzjoni gradwali tal-bejgħ u l-offerta tal-bejgħ inkluż, iżda mhux limitat għat-tweġġ ta' tnejn jew aktar minn dawn li ġejjin: a. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji biex jiġu skoraġġuti l-kummerċjalizzazzjoni, ir-reklamar u l-wiri b. L-iżvilupp u r-reklamar ta' listi ta' twissijiet, ta' detenzjoni u ta' sustanzi projbiti ta' prodotti kożmetiċi miżjudin bil-merkurju c. Il-liċenzjar u l-approvazzjonijiet tal-ingredjenti tal-prodott għall-faċilitajiet tal-manifattura għall-prodotti kożmetiċi u għall-prodotti tas-sbuħija d. L-involvement ta' pjattaformi online fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' wegħdiet dwar is-sigurtà tal-prodotti ii. Il-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni dwar it-tneħħija gradwali ta' inizjattivi b'mod interministerjali u bilaterali u/jew regionali. iii. Il-ħolqien ta' kuxjenza pubblika dwar il-perikli tal-użu tal-SLPs fost it-tobba, id-dermatologi u ċ-ċentri tas-sbuħija, kif ukoll il-konsumaturi u l-membri tal-familja
Amalgama dentali	Dispożizzjonijiet addizzjonali għall-amalgama dentali għandhom jinkludu: i. Is-sottomissjoni lis-Segretarjat ta' pjan nazzjonali dwar il-miżuri li l-Partijiet għandhom l-intenzjoni li jimplementaw biex jeliminaw gradwalment l-użu tal-amalgama dentali ii. L-esklużjoni jew in-nuqqas ta' permess tal-użu tal-amalgama dentali fil-politiki u l-programmi tal-assigurazzjoni tal-gvern billi jittieħdu miżuri kif xieraq

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-objettiv tal-Unjoni huwa li sseħħ eliminazzjoni gradwali tal-użu tal-merkurju fil-livell tal-Unjoni u f'dak globali, malajr u kompletament kemm jista' jkun, meta jeżistu alternattivi

vijabbli¹³. Il-kisba ta' dan l-oġġettiv teħtieġ b'mod partikolari l-eliminazzjoni gradwali tal-MAPs u l-konverżjoni tal-proċessi tal-merkurju għal proċessi mhux tal-merkurju, meta jkunu disponibbli alternattivi ekonomikament u teknikament fattibbli li jkunu ta' benefiċċju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

Il-progress fil-livell globali lejn dan l-oġġettiv jikkontribwixxi għall-ambizzjoni ta' Tniġġis Żero għal ambjent ħieles mit-tossiċità stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew¹⁴. Dan ikun ukoll ta' kontribut għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà tal-2020¹⁵ li fiha l-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha li żżomm rwol ewlieni fil-livell internazzjonali fir-rigward tal-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi.

Emenda tal-Anness A tal-Ftehim li jistabbilixxi l-lista ta' prodotti miżjudin bil-merkurju soġġetti għal projbizzjoni tal-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni jew għal rekwiżiti dwar l-użu tal-merkurju.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni hija bbażata fuq l-elementi li ġejjin:

- L-Anness II tar-Regolament (UE) 2017/852 dwar il-Merkurju (“ir-Regolament dwar il-Merkurju”)¹⁶, li ttraspona l-Anness A (Parti I) tal-Ftehim, għandu kamp ta' applikazzjoni usa' mill-Ftehim, peress li jkopri aktar MAPs (eż. batteriji ċellula buttuna).
- Is-sottomissjoni tal-Unjoni (Marzu 2020), trazzmessa f'konformità mad-Deċiżjoni MC-3/1¹⁷, identifikat għadd ta' MAPs oħrajn li għalihom hemm disponibbli alternattivi mingħajr merkurju fattibbli u ta' benefiċċju, inklużi prodotti li diġà huma pprojbiti milli jitqiegħdu fis-suq intern u jiġu importati^{18/19}, eż. f'konformità mad-Direttiva 2011/65/UE (“RoHS”)²⁰ u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (“REACH”)²¹, iżda li għadhom mhumiex soġġetti għal projbizzjoni fuq il-manifattura u l-esportazzjoni.

¹³ Ara [l-Konklużjonijiet tal-Kunsill “Reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja dwar il-Merkurju”, 14 ta' Marzu 2011](#)

¹⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11.12.2019, *Il-Patt Ekoloġiku Ewropew*, COM(2019) 640 final.

¹⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “*Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità*” (COM(2020) 667 final, tal-14.10.2020).

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-Merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU L 137, 24.05.2017, p. 1).

¹⁷ *Sottomissjoni mill-UE dwar il-prodotti miżjudin bil-merkurju u l-proċessi tal-manifattura li jużaw il-merkurju jew il-komposti tal-merkurju* (Marzu 2020), disponibbli fuq: http://www.mercuryconvention.org/Portals/11/documents/meetings/COP4/submissions/EU_AnnexAB.pdf

¹⁸ Il-kunċett ta' “introduzzjoni fis-suq intern” jinkludi “importazzjoni” skont il-leġiżlazzjoni tal-UE li tirregola l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti miżjudin bil-merkurju.

¹⁹ Il-lista sħiħa tal-liġi rilevanti tal-UE hija disponibbli fil-Valutazzjoni tal-Impatt tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni “*Ratifika u Implimentazzjoni mill-UE tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju li takkumpanja d-dokument ta' Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008*” (SWD/2016/017 final, tat-2.2.2016).

²⁰ Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 01.07.2011, p. 88).

²¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tal-14 ta' Lulju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 (C(2023)4683 final)²² li ttraspona d-Deċiżjoni MC-4/3 f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament dwar il-Merkurju.

L-MAPs li jinsabu fil-proposta mir-Reġjun tal-Afrika dwar l-emendi għall-Parti I tal-Anness A huma jew konsistenti mal-acquis tal-Unjoni, eż., it-talbiet għat-tiġdid tal-eżenzjonijiet fuq il-lampi li fihom il-merkurju ġew miċħuda, f'konformità mad-Direttiva RoHS; inkella jikkonċernaw it-tneħħija gradwali tal-MAPs, li huma soġġetti għal żviluppi leġislattivi li għaddejjin bl-għan li tiġi stabbilita projbizzjoni simili fil-livell tal-Unjoni.

Fir-rigward ta' partijiet oħra tal-proposta mir-Reġjun tal-Afrika dwar l-emendi għall-Parti II tal-Anness A, ċerti dispożizzjonijiet huma konsistenti mal-acquis tal-Unjoni, inklużi:

- Pjanijiet nazzjonali dwar il-miżuri li l-Partijiet għandhom l-intenzjoni li jimplimentaw biex jeliminaw gradwalment l-użu tal-amalgama dentali (ir-Regolament dwar il-Merkurju, l-Artikolu 10(3))
- L-istabbiliment ta' objettivi nazzjonali għall-eliminazzjoni gradwali tal-bejgħ u l-offerta tal-bejgħ tal-prodotti kożmetiċi inkluż, iżda mhux limitat għat-tweġġ ta' tnejn jew aktar minn dawn li ġejjin:
 - L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji biex jiġu skoraġġiti l-kummerċjalizzazzjoni, ir-reklamar u l-wiri
 - L-involvement ta' pjattaformi online fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' wegħdiet dwar is-sigurtà tal-prodotti

Madankollu, dispożizzjonijiet oħra mhumiex koperti mill-acquis tal-Unjoni, inklużi:

- L-esklużjoni jew in-nuqqas ta' permess, billi jittieħdu miżuri kif xieraq, tal-użu tal-amalgama dentali fil-politiki u l-programmi tal-assigurazzjoni tal-gvern
- Għall-prodotti kożmetiċi:
 - Il-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni dwar it-tneħħija gradwali ta' inizjattivi b'mod interministerjali u bilaterali u/jew regionali.
 - Il-ħolqien ta' kuxjenza pubblika dwar il-perikli tal-użu tal-SLPs fost it-tobba, id-dermatologi u ċ-ċentri tas-sbuħija, kif ukoll il-konsumaturi u l-membri tal-familja

Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx effett legali fuq l-acquis tal-Unjoni. Pereżempju, skont l-Artikolu 19(b) tar-Regolament dwar il-Merkurju, il-kompetenza fl-organizzazzjoni u l-forniment tas-servizzi tas-saħħa u l-kura medika hija kompetenza tal-Istati Membri. Għalhekk, dawn ma humiex soġġetti għal din id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta.

jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396 tat-30.12.2006, p. 1).

²² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tat-14 ta' Lulju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' prodotti miżjudin bil-merkurju soġġetti għal projbizzjonijiet ta' manifattura, importazzjoni u esportazzjoni (C(2023)4683 final).

Għaldaqstant, l-emenda tal-Anness A tipprovdi diversi opportunitajiet biex jitnaqqas aktar l-użu tal-merkurju u t-tniġġis assoċjat madwar id-dinja:

- (1) Biex jitnaqqas id-distakk bejn id-dritt eżistenti u aktar avvanzat tal-Unjoni u l-Ftehim billi jiżdiedu, mal-Parti I tal-Anness A tiegħu, il-prodotti li huma diġà elenkati fl-Anness II tar-Regolament tal-Unjoni dwar il-Merkurju.
- (2) Biex fil-Parti I tal-Anness A tal-Ftehim jiżdiedu prodotti li għadhom ma humiex soġġetti għal projbizzjoni fuq il-manifattura u l-esportazzjoni skont ir-Regolament tal-Unjoni dwar il-Merkurju iżda li madankollu jew l-introduzzjoni tagħhom fis-suq tal-Unjoni ma għadhiex permessa jew huma soġġetti għal żviluppi leġiżlattivi kontinwi mmirati biex tkun stabbilita projbizzjoni simili fil-livell tal-Unjoni.

Għalhekk, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-COP5 għandha tikkonsisti fl-appoġġ tal-adozzjoni ta' atti mmirati li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness A tal-Ftehim għall-MAPs li diġà huma pprojbiti milli jiġu mmanifatturati u nneozjati f'konformità mal-Anness II tar-Regolament tal-Unjoni dwar il-Merkurju, jew li diġà huma pprojbiti milli jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, jew huma soġġetti għal żviluppi leġiżlattivi kontinwi mmirati lejn l-istabbiliment ta' projbizzjoni simili fil-livell tal-Unjoni, u li jistgħu jiġu ssostitwiti b'alternattivi mingħajr merkurju li wrew li huma ekonomikament u teknikament fattibbli kif ukoll ta' benefiċċju mill-perspettiva ambjentali u tas-saħħa tal-bniedem.

Emenda tal-Anness B tal-Ftehim li jistabbilixxi l-lista ta' proċessi tal-merkurju soġġetti għal data ta' "eliminazzjoni gradwali" jew għal rekwiżiti dwar l-użu tal-merkurju.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni hija bbażata fuq l-elementi li ġejjin:

Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 7, il-paragrafi 1 u 3, u l-Anness III tar-Regolament dwar il-Merkurju, ittrasponew l-Artikolu 5, il-paragrafi 2 u 3, u l-Anness B tal-Ftehim, b'mod aktar strett.

L-ewwel nett, filwaqt li l-Anness B tal-Ftehim ikopri ħames proċessi speċifiċi tal-merkurju (il-produzzjoni tal-kloroalkali, tal-aċetaldeid, tal-monomer tal-klorur tal-vinil ("VCM"), tal-alkoholati u tal-poliuretan), l-Anness III tar-Regolament dwar il-Merkurju fih dispożizzjoni omnikomprensiva li tipprojbixxi, f'dati speċifikati ta' eliminazzjoni gradwali, l-użu tal-merkurju jew komposti tal-merkurju fil-proċessi kollha tal-manifattura fl-Unjoni, jiġifieri meta jintuża bħala katalizzatur (l-1 ta' Jannar 2018) jew bħala elettrodu (l-1 ta' Jannar 2022). Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-projbizzjoni huwa miftuħ skont id-dritt tal-Unjoni.

It-tieni, għalkemm l-Anness III tar-Regolament dwar il-Merkurju jistabbilixxi data ta' eliminazzjoni gradwali ta' deroga għall-produzzjoni tal-alkoholati, din id-dispożizzjoni hija aktar stretta meta mqabbla mal-Anness B tal-Ftehim. Billi r-Regolament dwar il-Merkurju jipprojbixxi l-użu tal-merkurju bħala *katalizzatur għall-produzzjoni tal-poliuretan* mill-1 ta' Jannar 2018, il-Ftehim jistabbilixxi biss restrizzjoni fuq l-użu tal-merkurju u jispeċifika li l-Partijiet jew "jimmiraw li" jeliminaw dan l-użu gradwalment sas-16 ta' Awwissu 2027 (poliuretan) jew jeliminaw gradwalment tali użu ħames snin wara li l-COP tkun iddeterminat li alternattivi mingħajr merkurju jkun saru teknikament u ekonomikament fattibbli (VCM u alkoholati).

L-emenda tal-Anness B tipprovdli opportunità biex jitnaqqas l-użu industrijali tal-merkurju. Dan jista' jinkiseb billi jitnaqqas id-distakk bejn id-dritt tal-Unjoni eżistenti u aktar avvanzat u l-Ftehim billi jiżdiedu, mal-Parti I tal-Anness B tal-Ftehim, dati ta' eliminazzjoni gradwali għall-produzzjoni tal-poliuretan bl-użu tal-merkurju, b'konsistenza mal-*acquis* tal-Unjoni u billi jitqiesu proċessi alternattivi eżistenti u teknikament u ekonomikament fattibbli mingħajr merkurju, kif irrapportat fis-sottomissjoni tal-Unjoni ta' Marzu 2020 skont id-Deċiżjoni MC-3/1.

Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-COP5 tkun tikkonsisti fl-appoġġ tal-adozzjoni ta' atti mmirati biex jintroduċu data ta' eliminazzjoni gradwali għall-produzzjoni tal-poliuretan bl-użu tal-merkurju.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Princġipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirregola deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni adottata mil-leġislatur tal-Unjoni”*²³.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-COP hija korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju.

L-atti li l-COP hija mitluba tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali, minħabba li l-Partijiet għall-Ftehim ikollhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati u mħarsa.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Princġipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-

²³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti huma relatati mal-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem.

Għaldaqstant, il-baży ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-baży ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt il-ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Annessi A u B ta' dik il-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju ("il-Ftehim") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939²⁴ u daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017.
- (2) Skont id-Deċiżjoni MC-1/1 dwar ir-Regoli ta' Proċedura, adottata mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim ("COP") waqt l-ewwel laqgħa tagħha, il-Partijiet għall-Ftehim (il-"Partijiet") jenħtieġ li jagħmlu kull sforz biex jilħqu qbil b'kunsens dwar il-materji sostantivi kollha.
- (3) Skont l-Artikoli 4(8) u 5(10) tal-Ftehim, jenħtieġ li sas-16 ta' Awwissu 2022, il-COP tirrieżamina l-Annessi A u B tal-Ftehim, u tista' tikkunsidra emendi għal dawk l-Annessi, filwaqt li tqis proposti ppreżentati mill-Partijiet skont l-Artikoli 4(7) u 5(9) tal-Ftehim, informazzjoni li s-Segretarjat tal-Ftehim jagħmel disponibbli skont l-Artikoli 4(4) u 5(4) tal-Ftehim, u d-disponibbiltà ta' alternattivi teknikament u ekonomikament fattibbli mingħajr merkurju, filwaqt li jitqiesu r-riskji u l-benefiċċji assoċjati għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem.
- (4) Fit-30 ta' April 2021, l-Unjoni ppreżentat proposta²⁵ lis-Segretarjat tal-Ftehim biex jiġu emendati l-Annessi A u B tal-Ftehim, f'konformità mal-Artikoli 4(7) u 5(9) ta' dak il-Ftehim. Il-proposta tal-Unjoni biex jiġi emendat l-Anness A tal-Ftehim kienet immirata lejn l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għal aktar prodotti miżjudin bil-merkurju b'dati ta' eliminazzjoni gradwali jew miżuri li jirregolaw il-merkurju assoċjati. Il-proposta tal-Unjoni biex jiġi emendat l-Anness B tal-Ftehim kienet immirata lejn l-introduzzjoni ta' data ta' eliminazzjoni gradwali għall-produzzjoni ta' poliuretan li juża katalizzatur li fih il-merkurju.

²⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

²⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/727 tad-29 ta' April 2021 dwar il-preżentazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposti għall-emendar tal-Annessi A u B tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, fir-rigward ta' prodotti miżjudin bil-merkurju u proċessi ta' manifattura li fihom jintużaw il-merkurju jew il-komposti tal-merkurju (ĠU L 155, 5.5.2021, p. 23).

- (5) Fit-tieni segment tar-raba' laqgħa tagħha, il-COP iddeċidiet fid-Deċiżjoni tagħha MC-4/3²⁶ li tinkludi tmien prodotti ġodda miżjudin bil-merkurju fl-Anness A tagħha (Parti I).
- (6) Madankollu ma ntlaħaq l-ebda ftehim dwar dati ta' eliminazzjoni gradwali għal erba' prodotti miżjudin bil-merkurju. Id-Deċiżjoni MC-4/3 iddiferiet id-deċiżjoni dwar dawk id-dati ta' eliminazzjoni gradwali għall-ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (mill-31 ta' Ottubru sat-3 ta' Novembru).
- (7) Id-Deċiżjoni MC-4/3 iddiferiet ukoll id-deċiżjoni dwar iż-żieda tal-produzzjoni tal-poliuretan bl-użu ta' katalizzaturi li fihom il-merkurju fil-Parti I tal-Anness B għall-ħames laqgħa tal-COP.
- (8) Proposta ġdida għall-emendar tal-Anness A tal-Ftehim ġiet sottomessa mir-Reġjun tal-Afrika f'konformità mal-Artikolu 4(7) tal-Ftehim. Il-proposta tikkonċerna l-prodotti kożmetiċi, l-amalgama dentali, u l-lampi li fihom il-merkurju u tipproponi test ġdid għall-Partijiet I u II tal-Anness A.
- (9) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi għall-Annessi A u B tal-Ftehim sa fejn dawn ikunu konsistenti mas-sottomissjoni tal-Unjoni²⁷, mal-acquis tal-Unjoni jew mal-politika tal-UE.
- (10) Sal-punt li ssir referenza għalihom fis-sottomissjoni mir-Reġjun tal-Afrika, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-emendi għall-Anness A tal-Ftehim sa fejn dawn ikopru l-lampi, il-prodotti kożmetiċi u l-amalgama dentali.
- (11) Fil-ħames laqgħa tal-COP, il-Partijiet se jikkunsidraw l-adozzjoni ta' Deċiżjoni biex jiġi emendat l-Anness A tal-Ftehim.
- (12) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, waqt il-ħames laqgħa tal-COP, peress li d-Deċiżjoni proposta, jekk tiġi adottata, se jkollha effetti legali, minħabba li l-Partijiet se jkollhom jieħdu miżuri biex jimplimentawha fil-livelli nazzjonali jew reġjonali, jew it-tnejn li huma.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, waqt il-ħames laqgħa tal-COP għall-Ftehim għandha tkun li tiġi appoġġata l-adozzjoni ta' Deċiżjoni biex jiġi emendat l-Anness A tagħha, li:

— tkun konsistenti mal-acquis tal-Unjoni; jew

— tkun konsistenti mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/727 tad-29 ta' April 2021; jew

— tkun maħsuba biex tappoġġa l-eliminazzjoni gradwali ta' kategoriji ta' lampi li fihom il-merkurju msemija mir-Reġjun tal-Afrika fis-sottomissjoni tiegħu magħmula f'konformità mal-Artikolu 4(7), tal-Ftehim, u li għalihom it-talbiet għat-tiġdid tal-eżenzjonijiet fuq l-użu tal-merkurju ġew miċħuda, f'konformità mad-Direttiva 2011/65/UE; jew

²⁶ Id-Deċiżjoni MC-4/3: Rieżami u emenda tal-Annessi A u B tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, il-25 ta' Marzu 2022.

²⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/727 tad-29 ta' April 2021 dwar il-preżentazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposti għall-emendar tal-Annessi A u B tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, fir-rigward ta' prodotti miżjudin bil-merkurju u proċessi ta' manifattura li fihom jintużaw il-merkurju jew il-komposti tal-merkurju (ĠU L 155, 5.5.2021, p. 23).

— tkun maħsuba biex tappoġġa l-eliminazzjoni gradwali tal-użu tal-amalgama dentali.

Artikolu 2

Jista' jintlaħaq qbil biex tiġi mirquma l-pożizzjoni msemija fl-Artikolu 1, fid-dawl tal-iżviluppi waqt il-ħames laqgħa tal-COP, mir-rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President